# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 24**

**Avviz numru 458/01/SM**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Emanuel Mizzi sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Noel Ambrogio**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn tlieta u sittin lira, (Lm263.00,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferiti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-8 t'April**

**2000 fi Triq il-Mosta, Lija bejn il-vettura numru AAN 315 misjuqa minnu u l-vettura numru FAJ 028 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat Emanuel Mizzi, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi LM3 tar-Road Accident Report, LM6 tal-Konsult u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**